# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.1

**Kap 1: Il-paċi sabiħa**

**Lezzjoni 4.1: Inkunu strument ta' paċi.**

**L-Għanijiet:**

**It-tfal:**

1. jitgħallmu xi tfisser tkun strument tal-paċi għall-Mulej.
2. jsiru konxji li meta jaħdmu ma' ħaddieħor ir-riżultat ikun isbaħ u aħjar u huma jħossuhom kuntenti u sodisfatti.
3. jitgħallmu dwar x'jistgħu jagħmlu huma u kif ukoll ma' ħaddieħor biex ikattru l-paċi fl-ambjent ta' madwarhom.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- il-power point b'xi stampi relatati mal-lezzjoni.
- biċċiet tal-karti A4 maqtugħin min-nofs.
- kuluri u kolla.
- kartonċina
- video tad-diska *'I've got peace like a river'*

*https://www.youtube.com/watch?v=N2R4D6qhaD8*



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi turi stampa ta' San Frangisk (mill-*powerpoint presentation*) u staqsi lit-tfal min hu u x'jafu dwaru.
- Għid lit-tfal li San Frangisk kien kiteb talba popolari ħafna u staqsi lit-tfal jekk jafux liema hi. It-talba hi: "Mulej, agħmilni strument tal-paci tiegħek."
- Oħloq diskussjoni żgħira billi tistaqsi lit-tfal jekk jafux xi jfisser it-titlu ta' din it-talba. Wara, għidilhom li biex jifhmu aħjar xi jfisser l-isem ta' din it-talba importanti ħafna, se jagħmlu attività.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Uri lit-tfal 3 stampi fuq l-iscreen: ta' pinzell, bajrow u magna tal-ħjata. Staqsi lit-tfal dwar min juża dawn l-affarijiet u xi jsir permezz tagħhom .
- Agħmel enfasi dwar il-fatt li b'dawn l-affarijiet jistgħu jiġu magħmula affarijiet sbieħ bħal xi pittura sabiħa, storja interessanti u libsa pulita.
- Qassam il-karti u għid lit-tfal biex joħorġu l-kuluri u l-lapes. Spjega li huma se jikkollaboraw mal-persuna li hemm maġenbhom biex joħolqu stampa sabiħa kemm jista' jkun.



- Ikkonkludi l-attività tat-tpinġija u staqsi lit-tfal x'jaħsbu dwar l-istampa li kkreaw u kif ħassewhom matul din l-attività speċjalment dwar il-fatt li kellhom jaħdmu ma' ħaddieħor.
- Spjega l-fatt li l-Mulej qisu l-pittur u aħna l-kuluri f'idejh u permezz tagħna jistgħu jinħolqu ħafna affarijiet dejjem jekk aħna nagħrfu nużawhom sew u iktar u iktar jekk aħna naħdmu ma' ħaddieħor.
- Irreferi għat-titlu tat-talba: 'Mulej agħmilni strument tal-paċi tiegħek' u agħmel xebh mal-eżempju tal-kuluri. Aħna strumenti ta' Alla u permezz tagħna nistgħu nkattru l-paċi fl-ambjent ta' madwarna.
- Ikkonkludi billi tistaqi lit-tfal dwar x'jaħsbu li jistgħu jagħmlu biex ixerrdu l-paċi u allura jkunu dawl għall-oħrajn.
- Ħalli t-tfal jisimgħu s-song: *I've got peace like a river.*

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Aħna strumenti ta' Alla.
2. Aħna kapaċi noħolqu bosta affarijiet sbieħ kemm waħedna u kemm meta naħdmu ma' ħaddieħor.
3. Irridu nħallu lill-Mulej jaħdem bina ħalli nkattru l-paċi fl-ambjent fejn ngħixu.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru xewqa li jaħdmu ma' ħaddieħor u fil-fatt hekk jagħmlu. Dan kollu jġib fosthom u bejniethom atmosfera ta' paċi.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ikkonkludi l-lezzjoni bil-vidjow tal-kanzunetta 'I've got peace like a river' u ħeġġeġ lit-tfal biex ikantaw u jagħmlu l-azzjonijiet.



## Nitolbu



O Mulej, bħal San Franġisk,

qed nitolbok biex tgħinni u tiggwidani

ħalli b'dak kollu li ngħid u nagħmel

inkun dejjem strument ta' paċi tiegħek.